MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1504/2000/1

**Luqa u Jane konjuġi Ghigo**

***Versus***

**Martha Sammut**

F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu ħlas għal serviġi talli huma qdew lill-awtur tal-konvenuta.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-atturi kienu jaqdu lil Ġorġ Xuereb matul l-aħħar snin qabel miet u kienu wkoll nefqu flus fl-interess tiegħu u għax imqabbda minnu, bla ma ngħataw lura dawk il-flus.

B'testment tat-30 ta' Novembru 1995 fl-atti tan-Nutar Rachael Sammut, il-mejjet kien ħatar lill-konvenuta bħala werrieta waħdanija tiegħu. L-atturi sejħulha biex tħallashom dak li għandhom jieħdu, iżda għalxejn. Għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-atturi irrendew serviġi lil Ġorġ Xuereb, u li għal dawn is-serviġi jistħoqqilhom kumpens;
2. tillikwida l-kumpens li għandhom jieħdu; u

3. tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma hekk likwidata, flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk t'ittra uffiċjali tal-21 ta' Jannar 2000 u t'ittra interpellatorja tal-5 t'April 2000.

Il-konvenuta ressqet l-eċċezzjoni illi l-atturi ma pprestaw ebda serviġi lill-mejjet li jagħtuhom jedd għal xi kumpens.

L-attriċi Jane Ghigo, mart l-attur Luqa Ghigo, hija t-tifla ta' oħt Ġorġ Xuereb, li kien għażeb. L-attriċi xehdet illi hi kienet taqdi lil Xuereb sa minn qabel ma' żżewġet waqt illi l-attur xehed illi lil Xuereb kien ilu jafu għal ħafna snin u, billi l-atturi wara li żżewġu kienu joqogħdu qrib tiegħu, kien iżuru kuljum.

Xuereb ma kienx isuq, u l-attur kien jaqdih billi darba fix-xahar kien iġorrlu ġwies għall-bhejjem li kien irabbi u kien ukoll iġorrlu demel għall-għalqa li kien jaħdem. Dan il-ġarr kien isir bil-vettura ta' l-attur. L-attur kien ukoll igħin billi jaħrat l-għalqa ta' Xuereb u f'Awissu ta' kull sena kien imur iħallaslu l-qbiela għand is-sid.

L-attriċi kienet ukoll xi drabi ssajjar għal Xuereb u teħodlu xi ikla li kien jitlobha.

Fl-aħħar ta' ħajtu Xuereb kien jeħtieġ kura l-isptar, u kien iwasslu l-attur.

Ta' dan kollu l-atturi ma kinux jingħataw ħlas, ħlief illi Xuereb kien iħalli lill-attur irabbi xi fniek u jiżra' xi prodott fir-raba' tiegħu. Meta marad Xuereb kien ukoll, bil-kunsens tas-sid, ċeda l-kiri tar-raba' lill-attur.

L-atturi xehdu wkoll illi l-mejjet kien wiret ħafna flus mingħand ħutu, iżda prova ta' dan ma hemmx.

Il-qorti — wara li qieset kemm in-natura u l-kwantità tas-serviġi kif imfissra mill-atturi, il-fatt illi, kif jirriżulta mill-premessi taċ-ċitazzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu ħlas biss għas-serviġi li irrendew "matul l-aħħar snin qabel ma miet Ġorġ Xuereb", il-fatt li l-mejjet kien iz-ziju ta' l-attriċi, u l-fatt illi, għalkemm ma ħadux kumpens fi flus, l-atturi kisbu l-kiri ta' raba' mingħand il-mejjet — hija tal-fehma illi s-somma ta' elfejn lira (Lm2,000) jkun kumpens xieraq għal dak li għamlu mal-mejjet.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li tgħid illi l-atturi kienu jaqdu lill-awtur tal-konvenuta u illi ta' dan jistħoqqilhom ħlas, tillikwida l-kumpens fis-somma ta' elfejn lira u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi

elfejn lira (Lm2,000) flimkien ma’ l-imgħax u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------